## Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-14 t'April, 2016

**Il-Pulizija**

**Spettur Jonathan Ferris**

**vs**

**Victor Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Victor Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 130167M talli: 1)F'dawn il-Gzejjer, bejn Awissu 2010 u Frar 2011, uza xi energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, sew direttament jew indirettament, ghall-ghanijiet diversi minn dawk li ghalihom kienu provduti; 2) Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha

specifikat, u cioe’ ghamel approprjazzjoni bla jedd ta’ energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, liema energija elettrika, stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, kienu fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Ottubru, 2014, li biha ddikjarat lil Victor Attard mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħelsien mill-aggravju abbinat mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali skond l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tħassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok issib lill-appellat ħati ta’ l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu (bl-eċċezzjoni tal-aggravju taħt l-artikolu 294 tal-Kap. 9) u tinfliġġi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali qieghed jappella mis-sentenza liberatorja fil-konfront tal-appellat u jressaq bhala aggravju l-apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi applikabbli mill-Ewwel Qorti.

2. Mill-provi akkolti jemergi illi l-appellant, allura imputat, kien avvicinat minn persuna li kkonvincietu jistalla servizz ta’ elettriku f’kamra rurali li kien ilu jokkupa. Din il-persuna hadet hsieb l-

arrangamenti kollha sabiex tottjeni *compliance certificate* minghand il-MEPA. Prezentat dan ic-certifkat lill-Enemalta, ma kien hemm l-ebda ostakolu sabiex is-servizz ikun stallat f'din il-kamra u moghti dan is-servizz, l-appellat estenda d-dawl ghall-kamra ohra li ghandu ftit metri 'l boghod fl-istess ghalqa apparentement, ghaliex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni xejn ma kienu cari dwar dan il-punt, b'mod regolari u b'ebda mezz li jista' b'xi mod jinkriminah. Fi kliem iehor, l-estensjoni maghmula mill-appellat kienet mill-meter 'l gewwa u l-konsum kien dejjem registrat. Gara izda, illi l-kamra li issa inghatat id-dawl permezz ta' tubu jew bozza u fejn l-appellat kien iraqqad il-kelb tieghu, rrizulta li kienet wahda llegali u ghalhekk il-*compliance certificate* ma seta' qatt hareg ghar-rigward ta' dik il-kamra. Din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti qabilha, mhix ser tidhol fil-mertu tal-*compliance certificate* ghaliex dak jirrigwarda proceduri kontra terzi li l-appellat ma kellu l-ebda involviment dwarhom. Jemergi ukoll illi l-appellat dejjem hallas il-kontijiet mibghuta lilu ghall-konsum tad-dawl in rigward;

3. L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat ravvizat fl-artikolu 44(1) tal-Kapitolu 272 tal-ligijiet ta' Malta vigenti fiz-zmien tal-allegazzjoni kontra l-appellat liema kapitolu tal-ligi thassar fil-mori u kien sostitwit bis-sahha tal-Att XXXIV tas-sena 2014, llum Kapitolu 536, liema reat llum huwa rifless fl-artikolu 13(1) ta' dan il-Kapitolu. Fi ftit kliem, l-artikolu 44(1) jipprovdi li hadd ma ghandu jaghmel uzu minn stallazzjoni elettrika ghal skop differenti minn dak li ghalih kien inghata dak is-servizz. Fit-tieni imputazzjoni l-appellat qed jitlob sejbien ta' htija f'dak ravvizat fl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar ir-reat ta' approprjazzjoni indebita. Kwantu l-ewwel imputazzjoni ghalhekk l-appellat iqis illi l-estensjoni tad-dawl ghall-kamra illegali ghandu jitqies bhala uzu hazin tal-istallazzjoni filwaqt illi l-konsum tad-dawl fl-istess kamra ghandu jitqies bhala appropriazzjoni indebita.

5. Ezaminata s-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa evidenti illi l-Magistrat decident ippernja l-kunsiderazzjonijiet tieghu fuq il-fatt illi l-appellat ma kellu ebda involviment fil-hrug tal-*compliance certificate* u li una volta inhareg dan ic-certifikat kienu konsegwentement koperti l-istrutturi illegali li ghandu fl-ghalqa, igifieri kamra zghira fejn iraqqad il-kelb u *container* tal-hadid. Dak kien il-punto di partenza tal-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex tapplika l-ligi ghall-fatti akkolti. Fil-kunsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti ghamlet ezami tal-elementi formali tar-reat u sabet illi l-fatti imputati ma kienux meritevoli ta' sejbien ta' htija;

6. Din il-Qorti fliet l-atti processwali u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-ragunament taghha u hi tal-fehma li l-Magistrat decident seta' ragjonevolment u legalment jasal ghal-konkluzzjoni li wasal ghalih.

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.